MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 935/2009

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv numru 1315/06**

**Fl-ismijiet:**

**George Baldacchino ID 541645 M**

**vs**

**George Briffa ID 742647 M**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta’ George Briffa fejn gie premess;

Illi permezz ta’ digriet tad-19 ta’ Settembru 2006, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-allura kreditur ghall-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kontra r-rikorrent dak iz-zmien debitur.

Illi minkejja li r-rikorrent sussegwentement hallas dakollu dovut minnu relattivament ghall-kawza fl-ismijiet *George Baldacchino vs George Briffa* (Citaz 672/85 FS) deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta’ Mejju 2006, li in esekuzzjoni taghha inhareg il-mandat odjern, George Baldacchino gja l-kreditur qieghed abusivament jirrifjuta li jersaq ghall-intavolar tal-kontro-mandat relattiv, minkejja li hekk interpellat.

Illi ghalhekk tezisti raguni valida skond l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghala l-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv numru 1315/06 ghandu jigi revokat.

Ghalhekk ir-rikorrenti talab li jigi revokat u mhassar il-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv numru 1315/06, u tordna n-notifika tad-digriet relattiv tar-revoka lil kull min kien notifikat bil-mandat odjern ghall-finijiet tal-esekuzzjoni ta’ dan il-manadat, bl-ispejjez kontra l-imsemmi George Baldacchino, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti tal-mandat ta’ Qbid Esekuttiv numru 1315/06 li gew annessi;

Rat ir-risposta;

Semghet lix-xhud prodott mir-rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar 2010;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esebiti;

In konformita’ ma’ dak li jinghad fl-imsemmi verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar 2010;

Tilqa’ t-talbiet kif kontenuti fir-rikors;

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------